MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 933/2001/1

**John u Josephine konjugi Mallia**

**Vs**

**Emmanuel Mizzi u Carmelo Callus**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fid-29 ta' Mejju, 2001, li in forza taghha ppremettew illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 1999 ghall-habta tal-hamsa u kwart ta' wara nofs in-nhar (5.15p.m.) sehh incident awtomobilistiku f'Siggiewi Road, Siggiewi fejn, waqt li l-konvenut Emmanuel Mizzi kien qed isuq il-vettura tal-marka Honda,

targata DIA-238, u l-konvenut Carmelo Callus kien qed isuq il-vettura tal-marka Maruti, targata FBA-891, huma investew lill-vettura tal-marka Toyota, targata FAH-907, misjuqa mill-attur John Mallia u proprjeta’ ta’ l-atturi;

Ippremettew illi l-imsemmi incident sehh unikament tort u htija, b’negligenza, traskuragni, imperizja sewqan eccessiv, u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti, jew min minnhom;

Ippremettew illi kawza ta’ l-incident imsemmi l-atturi soffrew danni sostanzjali li, kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok. A, jammontaw ghal elfejn erba’ mija ui tmienja u tmenin liri Maltin u tlettax-il centezmu (LM2488.13);

Ippremettew illi ll-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni kawzati minnhom, izda baqghu inadempjenti;

Talbu ghalhekk biex il-konvenuti jghidu, jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja:

1. Tiddikjara li ghall-incident awtomobilistiku li sehh f’Siggiewi Road, Siggiewi, fis-26 ta’ April, 1999, kif fuq deskritt, huma responsabbli il-konvenuti, jew min minnhom;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi is-somma ta’ elfejn erba’ mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tlettax-il centezmu (LM2488.13), jew somma verjuri, rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi kawza ta’ l-incident imsemmi.

Bir-riserva ta’ kull azzjoni fil-ligi; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali ta’ l-10 ta’ Jannar, 2000 kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ingunti gha-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Emmanuel Mizzi li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi billi l-incident meritu tal-kawza ma garax minhabba t-tort u traskuragni ta’ l-eccipjent;

2. Illi in oltre u bla pregudizzju ghas-suespost d-danni riklamati mill-attur bhala rizultata tal-kollizjoni huma eccessivi;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Callus li in forza taghha eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni ta’ l-atturi hi preskritta fil-konfront tal-konvenut u dan skond l-artikolu 2153 tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut eccipjenti Carmelo Callus huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi l-konvenut ma kellu ebda tort jew htija fil-kollizzjoni msemmija fic-citazzjoni kkagunati fil-karozza FAH-907 tal-marka Toyota;

4. Illi fi kwalunkwe kaz il-konvenut m’huwiex responsabbli ghal ebda danni u ma hemmx solidarjeta’ bejn il-konvenuti;

5. Salv eccezzjonjiiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tad-9 ta’ Mejju, 2002, fejn il-konvenut Callus irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan hu incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta' April, 1999 fi Triq is-Siggiewi, Siggiewi. L-attur kien qed isuq van Toyota, numru FAH-907, mid-direzzjoni ta' Haz Zebbug ghas-Siggiewi. Il-konvenut Carmelo Callus, b'Mark Fenech passiggier tieghu, kien qed isuq wara l-attur, fl-istess direzzjoni, u kien qed isuq vettura Maruti Jeep numru FBA-891. Il-konvenut l-iehor, Emanuel Mizzi, kien qed isuq vettura tal-marka Honda numru DIA-238, u kien gej mid-direzzjoni opposta; dan il-konvenut kellu mieghu lil ex-gharusa tieghu Diana Pace. L-incident sehh meta il-konvenut Mizzi ghadda minn mal-vettura ta' l-attur li, kif se jigi spjegat aktar il quddiem, tilef il-kontroll u baqa' diehel fil-hajt. Iz-zewg vetturi primarjament involuti fl-incident, kienu qed isuq f'direzzjoni opposta fi triq pjuttost wiesgha, u, ghalhekk, mhux suppost li kellhom jahbtu. Fil-fatt, pero', habtu tant li l-vetturi taz-zewg konvenuti gratilhom hsarat kbar, u l-vettura ta' l-attur ukoll sofriet danni. Biex isehh l-incident, wahda mill-vetturi bilfors invadiet t-trajjetorja tal-vettura l-ohra gejja mid-direzzjoni opposta.

Skond Carmelo Callus u Mark Fenech, li kienu fil-vettura Maruti Jeep misjuqa wara l-van ta' l-attur, kemm l-attur kif wkoll huwa kienu qed isuqu fuq in-naha tax-xellug tat-triq u bi *speed* relattivament baxx (50 kilometri fis-siegha). F'daqqa wahda, giet karozza hamra misjuqa mid-direzzjoni opposta u li kienet misjuqa bi *speed* qawwi hafna. Din il-karozza l-hamra, misjuqa mill-konvenut Mizzi, laqtet il-van ta' l-attur li, kif xehed il-konvenut Callus, *"rajt il-van ta' quddiemi jinqala' minn quddiemi qiesu jtir, ghadda minn quddiemi u habat mal-hajt; rajt il-karozza l-hamra ttir minn hdejja".* Malli l-van ta' l-attur habat mal-hajt, inqalghet ghal got-triq, u l-konvenut Callus baqa' diehel go fiha bil-Jeep tieghu. Dawn iz-zewg xhieda kkonfermaw li l-attur kien quddiemhom, fil-*lane* tieghu, meta gie milqut bil-vettura misjuqa mill-konvenut Mizzi; fl-ebda hin qabel l-incident ma qabez il-linja tan-nofs. It-triq

minn fejn kien gej il-konvenut Mizzi kienet vojta hlief ghal dik il-karozza. Ghalkemm fejn sehh l-incident, fuq in-naha tat-triq fejn kienu qed isuqu l-attur u l-konvenut Callus, kien hemm speci ta’ hofra/tumbata fit-triq, din ma kienetx hekk gravi li karozza misjuqa bi speed ragjonevoli ma setghetx timmanuvraha bla xkiel. F’ebda hin ma raw lill-vettura ta’ l-attur tohrog il-barra mill-*lane* taghha biex tevita dik it-tumbata.

Min-naha l-ohra, il-konvenut Emmanuel Mizzi u Diana Pace jghidu li huma kienu qed isuqu l-karozza Honda fin-naha taghhom tat-triq, bi *speed* normali ta’ 85 kilometru fis-siegha skond Mizzi u ta’ 75 kilometru fis-siegha skond Pace. F’daqqa wahda, huma jghidu li l-attur, biex jevita t-tumbata li kien hemm fit-triq, hareg il-barra, qasam il-linja tan-nofs u invada l-karreggjata taghhom. Diana Pace tghid li kienu ‘l gewwa sew fil-*lane* taghhom, u l-incident sehh fin-naha taghhom tat-triq billi r-rota ta’ quddiem tal-van ta’ l-attur telghet fuq il-*bonnet* tal-Honda, qiesha telghet fuq rampa. Peress li t-triq tigi qiesha benniena, l-attur kien spicca in-nizla u kien se jibda tiela’, waqt li anke huma kienu kemm spiccaw in-nizla meta raw il-van ta’ l-attur gej fuqhom. Id-*driver* tal-van f’ebda hin ma ghamel tentattiv biex jerga jmur lura fil-*lane* tieghu qabel l-incident. Filwaqt li l-konvenut Mizzi jghid li l-van ta’ l-attur hareg u rikeb in-nofs tal-*line* li kienet taqsam it-triq, Diane Pace tghid li l-van ta’ l-attur dahal xi pied jew pied u nofs fil-*lane* taghhom. Il-konvenut Mizzi, kuntrarjament ghal dak li qalet ix-xhud Pace, jghid li hu kien qed isuq vicin il-linja tan-nofs.

L-attur John Mallia kkonferma li hu kien qed isuq fil-*lane* tieghu u kien qed isuq bil-mod. F’hin minnhom ra karozza hamra gejja mill-faccata, u ghalkemm rekken kemm seta’ mal-hajt fuq ix-xellug tieghu, il-karozza l-ohra kissret ghal go fih u dahlet fit-tank tad-*diesel* li jinsab ezatt fejn tispicca l-gabina. Mad-daqqa spicca gol-hajt, u kif inqala baqghet diehla go fih il-karozza li kinet qed isuq warajh. Hu jaf li t-triq hemmhekk ghandha l-hotob, pero’, cahad li kien hemm xi tumbata partikolari li biex jevitha kellu jizvija ‘l barra mill-*lane* tieghu. Il-karozza Honda hu ra gejja bi

*speed* eccessiv hafna, u kien, ghalhekk, li kif raha beza' minnha u pprova jrekken mal-hajt tax-xellug tieghu.

Is-Surgent li nvestiga l-habta, l-PS 585 Joseph Bayliss, xehed x'qalulu l-partijiet involuti fl-incident u jidher li, bejn wiehed u l-iehor, il-partijiet taw lis-Surgent l-istess versjoni li taw lil din il-Qorti. Il-hsarat fuq il-van ta' l-attur kienu fit-tank tal-*fuel,* li jigi fuq il-lemin tat-*truck*, il-*mudguard* ta' wara tal-lemin u r-rota ta' wara; il-Honda misjuqa mill-konvenut Mizzi kellha hsarat quddiem kollu, tant li nqala l-*bonnett*. Hu, pero', ma setax jindika l-*ispot of impact*, peress li fuq il-post kien hemm hafna frak u tifrik fl-art.

Fin-nuqqas ta' indikazzjoni cara ta' l-*ispot of impact*, din il-Qorti tird tibbazza l-konkluzzjoni dwar fejn sehh l-incident mid-depozizzjonijiet tal-persuni involuti, u dan wara ezami akkurat ukoll tar-ritratti li ttiehdu tal-vetturi ezatti wara l-incident.

L-ewwel osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti hu li jirrizulta zgur li l-konvenut Mizzi kien qed isuq il-vettura ta' l-gharusa tieghu bi *speed* qawwi hafna. Hu jghid li kien qed isuq bi speed ta' 85 kilometri fis-siegha, li diga hu oltre l-i*speed* regolamentari ghall-inhawi. Il-Qorti hija perswaza, pero', li l-i*speed* tal-konvenut Mizzi kien hafna aktar minn hekk. Ix-xhieda, l-konvenut Callus, u Mark Fenech, it-tnejn jiddeskrivu li raw il-karozza misjuqa minn Mizzi tghaddi minn hdejhom qiesu "rih", u l-entita' kbira tal-hsara li garrbu z-zewg vetturi involuti, jindika li xi wiehed minnhom kien qed isuq bi *speed* qawwi. Il-konvenut Mizzi, lis-Surgent, qallu li lill-attur kien rah ghaddej bi *speed* qawwi, pero', meta xehed quddiem din il-Qorti, ma setghax jaghti opinjoni dwar l-i*speed* ta' l-attur. Iz-zewg xhieda aktar qabel imsemmija, it-tnejn jghidu, pero', li l-attur kien qed isuq bi *speed* baxx, u mehud kont tal-fatt li l-konvenut kien qed isuq karozza sportiva, relattivament gdida u li mieghu kellu dik li kienet l-gharusa tieghu li lilha ried jimpressjonaha, il-Qorti hi konvinta li kien il-konvenut Mizzi li kien qed isuq bi *speed* qawwi, u anzi, bi *speed* qawwi hafna, jekk mhux "sfrentat".

Ovvjament, ghalkemm il-konvenut ghandu r-responsabbilta' ghal dan in-nuqqas dan ma jfissirx li hu ghandu awtomatikament jitqies responsabbli ghall-incident. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Galea vs Fenech", deciza fis-16 ta' Jannar, 2003, "*Ksur tar-regolamenti tat-traffiku jew imgieba skorretta jew difettuza minn xi parti involuta f'incident tat-triq mhux ta' bilfors hija relevanti biex wiehed iqis minn jahti ghal dak l-incident. Jaqa' d-dmir fuq min ghandu jiddeciedi li jqis ir-responsabbiltajiet tal-persuni involuti biex jistabilixxi x'kien li wassal tassew ghall-incident.*"

Dwar ir-responsabbilta' ghall-incident, din il-Qorti qieset sew id-depozizzjonijiet tal-partijiet u r-ritratti esebiti u tqies li l-verzjoni ta' l-attur hija aktar attendibbli. Mhux biss li din il-Qorti qieset li l-attur kien aktar kredibbli mill-konvenut Mizzi fuq il-pedana tax-xhieda, izda x-xhieda ta' tnejn min-nies li raw l-incident isehh u li m'ghandhomx interess dirett fl-incident principali, cioe', il-konvenut Callus u x-xhud Fenech, hija, fil-fehma tal-Qorti, determinanti. Dawn kienu qed isuqu wara l-attur, u setghu japprezzaw sew is-sewqan tieghu. Dawn ikkonfermaw li l-attur kien qed isuq bil-mod, fil-*lane* tieghu u, fuq kollox, li f'ebda mument ma issupera l-linja tan-nofs u invada l-karreggjata tal-karozzi gejjin mid-direzzjoni opposta. Deposzizzjoni definittiva bhal din ixxejjen l-istqarrija tal-konvenut Mizzi li kien l-attur li ssupera l-linja tan-nofs mhux hu, u dan apparti d-divergenzi li jirrizultaw bejn ix-xhieda tal-konvenut Mizzi u tal-passiggiera tieghu, Diana Pace.

Ir-ritratti esebiti juru wkoll li l-hsarat fuq il-van ta' l-attur huma l-aktar fil-genb u mhux faccata, u kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Fogg Insurance Agencies Ltd vs Micallef", deciza fit-30 ta' Mejju, 2003, il-fatt li l-hsara riportata fuq il-vettura ta' l-attur hija fuq il-genb lemini, principalment fuq il-bieba tas-sewwieq, hija ndikazzjoni li kien il-konvenut li dahal fuqu. Il-vettura misjuqa mill-konvenut Mizzi ghandha hsarat estensivi fuq quddiem, li huma kompattibbli mad-dahla taghha bi *speed* qawwi fil-genb lemini tal-van ta' l-attur. Inoltre, jekk wiehed jezamina sew l-rirtratti tal-vettura misjuqa mill-konvenut Mizzi, jinduna li l-hsara fuq il-karozza mhix daqshekk frontali kif jallega l-istess

konvenut Mizzi, izda l-hsara hi aktar mixhuta fuq il-genb lemini ta’ quddiem tal-vettura, li jindika li dik il-vettura kienet angolata meta sehh l-incident. Il-hsarat jindikaw li kienet il-karozza misjuqa mill-konvenut Mizzi li baqghet diehla fil-genb tal-vann ta’ l-attur, u dan angolata lejn il-lemin sa ma baqghet diehla kwazi taht il-genb lemini tal-van ta’ l-attur.

Il-Qorti tifhem li l-incident sehh meta l-konvenut Mizzi, li kellu f’idejh *sports car* li “titolbok” issuqha b’velocita’ ried jimpressjona t-tfajla li kellu dak iz-zmien, u kif sab ruhu fi triq relattivament dritta, twila u nieqsa minn vetturi, ghafas il-pedala tal-gass b’mod qawwi sa ma tilef il-kontroll tal-karozza u baqa’ diehel fil-van ta’ l-attur. Il-fatt li din ta’ l-ahhar giet imbutata ghal gol-hajt jindika wkoll li kienet il-vettura misjuqa mill-konvenut Mizzi li dahlet fil u imbutat il-van ta’ l-attur, u mhux *vice versa*. Kieku l-attur kien hu li saq ghal fuq il-Honda tal-konvenut Mizzi, ma kienetx tigi imbutata daqshekk lura sa ma habtet mal-hajt u regghet inqalghet ‘l barra, izda kienet tibqa issuq ‘l quddiem bil-*momentum* taghha. Inoltre, l-vettura tal-konvenut Mizzi, wara l-incident, baqghet sejra bil-*momentum* taghha aktar ‘l quddiem sa ma waqfet il boghod mhux hazin minn fejn sehh l-incident. Dan jindika li kienet dik il-vettura, misjuqa mill-konvenut Mizzi, li bil-velocita’ taghha dahlet fil-van ta’ l-attur, u wara kompliet ghal triqtha ‘l qudiem meta s-sewwieq instintivament mal-habta kiser l-*isteering wheel* lejn ix-xellug tieghu. Il-manuvri li ghamlu l-vetturi wara l-incident kienu jkunu differenti kieku l-incident sehh kif jallega l-konvenut Mizzi.

Dwar is-sewqan tal-konvenut Callus, din il-Qorti ma ssib xejn hazin fis-sewqan tieghu. Hu kien qed isuq b’mod normali fil-*lane* tieghu, meta f’daqqa wahda, sab quddiemu incident gravi li ma setax jevita.

Il-Qorti, ghalhekk, issib li l-uniku responsabbli ghall-incident in kwistjoni huwa l-konvenut Emmanuel Mizzi.

Dwar id-danni, l-attur esebixxa prospett tat-telf li garrab konsegwenza ta’ dan l-incident. Is-Surgent li nvestiga l-kaz ikkonferma li l-van ta’ l-attur kellu tletin tank taz-

zebgha ta’ ghaxar litri ‘l wiehed; jidher li dawn kollha intilfu bir-rizultat ta’ l-accident peress li spiccaw fil-wied li hemm mat-triq. L-ispejjez inkorsi mill-attur gew minnu kkonfermati bil-gurament u gew ukoll ipprezentati l-ircevuti relattivi biex jikkoroboraw il-hlas. Kwindi din il-Qorti taccetta l-pretensjoni ta’ l-attur li d-danni rizultanti jammontaw ghal LM2488.13 u dawn ghandhom jithallsu mill-konvenut Mizzi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici, tidikjara li l-konvenut Emmanuel Mizzi huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, u tikkundannah ihallas lill-atturi in linea ta’ danni s-somma ta’ LM2488.13 (elfejn, erba’ mija u tmienja u tmenin liri Maltin u tlettax-il centezmu), bl-imghax legali mill-10 ta’ Jannar, 2000, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut Emmanuel Mizzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------